



**KUNSILL TA'  
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 25 ta' Mejju 2007(04.06)  
(OR.en)**

**9918/07**

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2006/0269 (CNS)**

---

**AGRI 163  
AGRIORG 52**

**NOTA**

|                 |                                                                                                                                                                                                            |
|-----------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:           | Presidenza                                                                                                                                                                                                 |
| lil:            | il-Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura                                                                                                                                                                     |
| Nru dok. preċ.: | 6887/07 + ADD 1, 7330/07                                                                                                                                                                                   |
| Nru prop. Cion: | dok. 16715/06 - COM(2006) 822 finali                                                                                                                                                                       |
| Suġġett:        | Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli<br>- Pakkett ta' kompromess tal-Presidenza |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-pakkett ta' kompromess tal-Presidenza.

Dan il-pakkett kien preparat mill-Presidenza bil-ħsieb li jkun akkomodat it-tħassib tad-delegazzjonijiet imqajjem fil-Grupp ta' Ħidma dwar Mistoqsijiet Agrikoli Orizzontali (Semplifikazzjoni tal-PAK) waqt it-tieni eżami tiegħu tal-proposta tal-Kummissjoni wara d-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill fis-sessjoni tiegħu tad-19 ta' Marzu 2007. Huwa kien diskuss fil-Grupp ta' Ħidma fit-23 ta' Mejju 2007.

Il-pakkett ta' kompromess jinkludi erba' dokumenti:

- il-kompromess tal-Presidenza dwar is-sitt punti pendenti (Anness). Id-delegazzjonijiet huma mistednin jinnotaw li dan it-test ma kienx approvat mis-servizzi tal-Kummissjoni. Huwa jibqa' bla bdil meta mqabbel ma' dak diġà diskuss fil-Grupp ta' Ħidma

- l-abbozz tar-Regolament ippreparat mill-Grupp ta' Ħidma f'konsultazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni (ADD 1). Din hija verżjoni riordnata iżda mill-banda l-oħra identika tat-test diskuss fil-Grupp ta' Ħidma fit-23 ta' Mejju 2007. Din ser tkun disponibbli fil-lingwi kollha
- id-dikjarazzjonijiet li għandhom isiru mill-Kummissjoni u jitfasslu f'konsultazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni. Dawn jibqgħu bla bdil meta mqabblin ma' dawk diġà diskussi fil-Grupp ta' Ħidma (ADD 2)
- l-emendi ulterjuri għall-abbozz tar-Regolament ippreparat f'konsultazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni wara l-Grupp ta' Ħidma tat-23 ta' Mejju 2007 (ADD 3).

Dan il-pakkett ser ikun ippreżentat lill-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Mejju 2007.

---

**Kompromess tal-Presidenza dwar il-punti pendenti**

**1. Intervent pubbliku fis-settur tal-laħam tal-majjal**

Ikun hemm intervent pubbliku fis-settur tal-laħam tal-majjal. (Ser issegwi l-proposta ta' test marbut li jemenda r-Regolament.)

**2. Kumitat tat-Tmexxija għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli**

a) It-test li ġej jiżdied ma' l-Artikolu 188(1):

**"L-organizzazzjoni ta' laqgħat tal-Kumitat għandha tieħu kont, b'mod partikolari, tal-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltajiet tiegħu, l-ispeċifikitajiet tas-suġġett li ser jiġi trattat, il-ħtieġa li jkun involut it-tagħrif espert adatt u l-ħtieġa għal effiċjenza fl-operat tiegħu."**

b) Dikjarazzjoni li għandha ssir mill-Kummissjoni:

In-non-paper tal-Kummissjoni dwar "Arranġamenti ta' ħidma għall-Kumitat tat-Tmexxija wara l-adozzjoni ta' l-Organizzazzjoni tas-Suq Komuni unika" (DS 296/07) għandha tiġi trasformata f'dikjarazzjoni tal-Kummissjoni.

### **3. Artikolu 153: Klawsola ta' salvagwardja**

L-Artikolu 153 huwa emendat kif ġej:

#### *Artikolu 153*

#### ***Miżuri ta' salvagwardja***

1. Il-miżuri ta' salvagwardja kontra importazzjonijiet fil-Komunità għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni, soġġett għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 519/94<sup>1</sup> u (KE) Nru 3285/94<sup>2</sup>. ~~Madankollu, l-Artikoli 3 u 18 tar-Regolament (KE) Nru 519/94 u l-Artikoli 3 u 21 tar-Regolament (KE) Nru 3285/94 m'għandhomx japplikaw.~~
2. *(bla tibdil)*
3. Il-miżuri msemmin fil-paragrafi 1 u 2 jistgħu jittieħdu mill-Kummissjoni mingħajr l-assistenza tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 188(1) fuq talba ta' Stat Membru jew b'inizjattiva tagħha. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, hija għandha tiegħu deċiżjoni dwarha fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara r-riċevuta tat-talba.  
  
L-Istati Membri għandhom ikunu notifikati b'tali miżuri, li għandhom ikunu immedjatament applikabbli.  
  
**Id-deċiżjonijiet meħudin** ~~Miżuri deċiżi~~ mill-Kummissjoni skond il-paragrafi 1 u 2 jistgħu jkunu riferuti lill-Kunsill minn kwalunkwe Stat Membru f'ħamest ijiem tax-xogħol mid-data li fiha huma kienu notifikati. Il-Kunsill għandu jiltaqa' mingħajr dewmien. Huwa jista', billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew jirrevoka ~~d-deċiżjonijiet~~ **d-deċiżjonijiet** ~~miżuri~~ in kwistjoni fi żmien xahar wara d-data li fiha huma kienu riferuti lill-Kunsill.
4. *(bla tibdil)*

---

<sup>1</sup> ĠU L 67, 10.3.1994, p. 89.

<sup>2</sup> ĠU L 349, 31.12.1994, p. 53.

#### **4. Artikolu 47(1): kondizzjonijiet tax-xiri tal-pitravi zokkrija**

**Dikjarazzjoni rigward l-Artikolu 47(1) li għandha ssir mill-Kummissjoni:**

"Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tinkorpora l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 (kondizzjonijiet tax-xiri tal-pitravi zokkrija) fir-regoli implimentattivi li ser jiġu adottati."

#### **5. Artikolu 117(ċ): speċifikitajiet ta' organizzazzjonijiet ta' produttori fis-settur tal-ħops**

**Dikjarazzjoni rigward l-Artikolu 117(ċ) li għandha ssir mill-Kummissjoni:**

"Rigward l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 68a tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 flimkien ma' l-Artikolu 117 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tinkludi fir-regoli implimentattivi d-dispożizzjonijiet meħtieġa kif jinsabu bħalissa fir-Regolament (KE) Nru 1952/2005 u, partikolarment, l-Artikolu 6 tiegħu."

#### **6. Artikolu 179: livell ta' skatt speċifiku għall-applikazzjoni tal-klawsola ta' disturb rigward iż-żejt taż-żebbuġa**

**Dikjarazzjoni rigward l-Artikolu 179(ċ) li għandha ssir mill-Kummissjoni:**

"Il-Kummissjoni tikkunsidra li żjieda fil-prezz ta' inqas minn 1.6 darbiet tal-prezzijiet medji rispettivi m'għandhiex titqies bħala żjieda sinifikanti fil-prezz fit-tifsira ta' l-Artikolu 179(b) ta' dan ir-Regolament."